**Minuti tal-wieħed u għoxrin il-laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 5 ta' Novembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | **Franics Cauchi** | **Sindku** |
| | **Stephen Mercieca** | **Vici Sindku** |
| | **Larry Buttigieg** | **Kunsillier** |
| | **Pietru Caruana** | **Kunsillier** |
| | **Joe Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Anton Zammit** | **a/Seg. Eżekuttiv** |

**1. Talba**
**Is-Sindku qal it-talba.**

**Qabel ma l-Kunsill għadda għall-aġenda. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri estendew il-kondiljanzi lill-familja ta' Anthony Camilleri, kunsillier għar-rahal tal-Qala, li miet ħesrem ftit ġranet ilu.**

**2. Minuti**
**Il-minuti ta' l-aħħar laqgħa ġew approvati**

**3. Korrispondenza**

**a. Is-Segretarju qara Memo 72/2009 dwar żewġ mistoqijiiet Parlamentari Numri 12010 u 12019**

**b. Il-Kunsill ġie mistieden minn "Din l-Art Helwa" għal il-kuncert tradizzjonali li jsir ta' kull sena fil-ħarifa.**

**c. Waslet ittra mingħad il-MEPA dwar wirja ta' gallariji ta' l-injam u l-iskema dwar l-ghoti ta' flus ghar-restawr taghhom.**

**d. Is-Segretarju qara Memo 68/2009 u Memo 65/2009 dwar l-introduzzjoni ta' emendi ġodda fl-Att XVI tal-2009 li ser jidħlu fis-seħħ dan ix-xahar.**

**e. Waslet ittra mingħand is-Socjeta' Kummercjali Green PAK Mt Limited dwar għajnuna u tagħrif fuq gbir ta' skart. Il-preżenti qablu li jitolbu appuntament mad-diriġenti.**

**f. Inqrat ittra mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-għaqda "Wirt Għawdex" fejn dan informal lill-Kunsill li l-għaqda lesta li tikkoopera mal-Kunsill f'xogħlijiet ta'restawr u fil-management ta' siti storici. Il-preżenti ssuġġerew li jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-għaqda dwar il-"Batterija ta' Sant'Antnin" li tinsab l-Imgarr fuq art imsejħa "Il-Blata l-Bajda". Hawn persuna li tippossedi ħafna nformazzjoni fuq dan il-wirt storiku u l-Kunsill ser javvicinaha gahl dan il-ghan.**

**g. Il-preżenti ma qablux li jirriklamaw il-proġett "Bethlehem f'Għajnsielem" fil-magazine Guide me. Is-Sindku informa lil preżenti dwar il-laghqa li kellu flimkien ma Franco Ciangura mac-Chairman tal-Gozo Channel biex tinghata tip ta' ghajnuna ghal Betlehem f'Ghajnsielem. Is-Sindku qal li c-Chairman kien lest li jaghti ghajnuna anke b'riklamar fuq magazine li jitqassam fil-lukandi kolla kif ukoll dwar programm fuq TVM ta' Ghawdex il-Lum li hu sponsorjat mill-Gozo Channel u riklami fuq il-vapuri taghha.**

**Is-Sur Mercieca ssuġerixxa li l-programm ta' Betlehem f'Ghajnsielem jitqassam mall-Bullettini tal-knejjes kollħa t'Għawdex.**

**h. Wasal Memo iehor Nru.57/2009 dwar disposal fees ġodda għar-rimi tal-iskart imħallat fil-landfill. Il-preżenti huma tal-fehma li peress li r-rata ta' hlas gholiet hafna l-ġbir ta' skart għandu jitnaqqas b'ġurnata, filwaqt li għandha tiġi allokata ġurnata mill-kumplament għal ġbir ta' skart riċiklat biss. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-preżenti qablu li l-Kunsill jipprovdi żewġ pakketti ta' boroż ghall-skart reciklat lill kull familja residenti f'din il-lokalita'.**

**i. Il-preżenti qablu li l-kont ta' 300 euro lill Astra Folk group jitħallas għas-servizz li huwa ta meta ġie mistieden mill-Kunsill f'Awissu li għadda.**

**j. Is-Sindku informa lill preżenti li fl-aħħar laqgha tal-Kumitat Kongunt sar qbil li tinxtara CCTV bejn il-Kunsilli kollha t'Għawdex u titpoġġa fejn l-iżjed li jkun hemm il-ħtieġa tagħha f'kull lokalita' f'Għawdex. Is-Sindku kompla jghid li f'dik il-laghqa hu reghha semma li-Speed Camera ta' Triq Mgarr biex din titwahhal immedjatament ghax kien gara incident iehor dik il-gimgha.**
**Is-Sur Joe Camilleri irrefera ukoll għal perikolu li jeżisti fi Triq Benghazi u issuġerixxa li din għandha tingħata l-attenzjoni li teħtiġilha.**

**k. Waslet talba mingħand Gatt Construction Ltd. għal stallazzjoni ta' mera' faċċata ta' l-impjanat tiegħu fi Triq Borg Għarib. Talab ukoll li jitwaħħlu żewġ tabelli li jindikaw li f'dik l-area hemm Batching Plant Vehicular access kif issuġeriet il-MEPA meta nħareġ il-permess rikjest. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-ADT ghal-approvazzjoni taghhom.**

**l. Inqraw is-sottomissjonijiet mibgħuta mill-MEPA dwar permessi għal bini , olterazzjonijiet u notifiki ta' avvizi.**

**4. Gimgħa t'Għajnsielem**

**Il-preżenti għaddew biex jifformulaw programm ghal "Gimgħa t'Għajnsielem" li soltu tiġi kkommemorata matul x-xahar ta' Diċembru.**

**6 ta' Diċemrbu. Jiġi inawgurat "Bethlehem f'Għajnsielem" mill-Onor. Lawrence Gozi, Prim Ministru ta' Malta fl-4.00 PM.**

**7 ta' Diċembru. Jitqassmu hampers lill-anzjani tal-lokalita'**

**8 ta' Dicembru. Festa tal-Kuncizzjoni.**

**10 ta' Dicembru, Festa liturġika tal-Madonna ta' Loretu patruna ta' din il-lokalita'.**

**11 ta'Diċembru, Jingħata "Ġieh Għajnselmiz" lill persuna li wettqet xogħol voluntarju fil-kommunita' matul hajjitha.**

**19 ta' Diċembru. Madonna ta' Loretu fest li jsir fic-Centru Lauretana taz-Zaghzgh**

**Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna ta' membri ta' l-għaqdiet tal-lokal li jkun hemm rappezentant minn kull ghaqda flimkien ma kunsillier meta jmorru jżuru lill-anzjani fis-7 ta' Diċembru.**

**5. Ġieh Għajnselmiz.**

**Il-preżenti iddiskutew l-aħjar metodu biex tintgħażel il-persuna li jistħoqilha dan il-ġieh f'laqgħa apposta iżjed 'l quddiem.**

**Is-Sindku s-suġġerixxa li kull Kunsillier jissottometti żewġ ismijiet u jiġu diskussi fil-laqgħa. L-iżjed persuna li tkun preferuta fost l-ismijiet tkun magħżula għal dan it-titlu.**
**Is-Sur Stephen Merceica issuġerixxa li l-għażla ssir b'votazzjoni sigrieta. Din is-sistema ma gietx milqugha mis-Sindku u kunsilliera l-ohra.**
**Is-Sur Joe Camilleri issuġerixxa li kull min jissottometti isem ta' persuna, ghandu jipprovdi ukoll is-c.v. tagħha.**
**Is-Sur Peter Caruana issuġerixxa li l-għażla titħalla f'idejn l-għaqdiet. Din il-proposta l-inqas intgħoġbot mill-preżenti.**
**Il-proposta tas-Sindku ġiet aċċettata.**

**Il-laqgħa għal l-għażla ta' persuna tħalliet għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru. 2009.**

**6. Ħatra ta' Segretarju**

**a. Hawn is-Segretarju spiega x'progress sar dwar il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv għal dan il-Kunsill. Is-Sur Larry Buttigieg talab li jkun jaf għala ma' sarx interview lil l-ewwel persuna. Is-Segretarju wieġeb li meta hu informa lill E.T.C. li persuna waħda minn part 1 kienet applikat u li din kienet kitbet fl-applikazzjoni taghha lill-Kunsill li kienet tahdem, ingħatalu parir mill-E.T.C. biex jistenna li jirċievi lista oħra ta' reġistranti minn part 2 u 3. u din tigi inkluza ma din il-lista peress li kienet tahdem. Is-segretarju qal li wara kien ircieva din il-lista mill-ETC fejn kien hemm imnizzel l-ismijiet ta' tmienja u li maghhom ghandu jizdied l-isem li kienet applikat f'part 1 u dawn ghandhom jissottomettu is cv taghhom sas-7 ta' Novembru. Gie deciz li bejn id-9 u 13 ta' Novembru isir l-awditjar tac-certifikati u wara, tiġl ffissata d-data ta' l-interview. Tiġi ffissata ukoll ir-renumerazzjoni lill min ser iservi fil-panel u min iccekkja c-certifikati. Is-Sur Buttigieg issuġerixxa li l-interviewers jibqghu l-istess persuni li qed jivvettjaw ic-certifikati filwaqt li s-Sur Camilleri zied "sakemm ma jkunx hemm conflict of interest bejn l-interviewers u l-kandidati". Il-Kunsill qabel ma dan.**

**7. Materji ohra.**

**i. Dwar il-M.T.A. fest oragnizzata mil-Kunsill giet ivvotata s-somma ta' 500 euro bhala spejjez għal din l-attivita'.**

**ii.** **Is-Sur Stephen Mercieca ġibed l-attenzjoni ta' sħabu għal kisi bil-madum tal-bankina ta' quddiem iċ-Cimiterju. Is-Sindku ser jitlob lis-C.M.U. fi hdan il-Ministeru għal Għawdex biex jagħmel ix-xoghol rikjest.**

**Joseph Camilleri.**

**a.** **Dan saqsa għala r-road hump ta' Triq Cordina għadha fl-istess stat meta l-Kunsill kien qabel li għandha titqaxxar. Is-Sindku wieġeb li din ser titqaxxar meta l-kuntrattur jibda x-xoghol fit-toroq l-antiki appena dan jircievi l-approvazzjoni mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma biex jipproċedi bix-xogħol fuq services ta' l-ilma.**

**b.** **Double yellow lines fi Triq Cordina.**

**Is Sindku qal li dawn il-lines ma kienux saru ghax kien hemm persuna li kienet oggezzjonat ghalihom meta l-haddiema marru biex jaghmlu is-sinjali b'detriment għar-residenti li joqgħodu hemm. Il-preżenti qablu li jibghatu l-warden biex jindaga u jara jkunx hemm karozzi pparkjati f'din il-kantuniera.**

**c.** **Dan ġibed l-attenzjoni ta' sħabu dwar skart fit-triq tax-Xatt l-Aħmar. Is-Sindku wieġeb li din hi problema li ilha tirrepeti ruhha għal ħafna snin. Il-preżenti qablu li jiġbdu l-attenzjoni tal-kennies responsabbli biex jiffrekwenta izjed it-triq.**

**d.** **Is-Sur Camilleri ġie infurmat li l-Korporazzjoni ta' l-Ilma u Drenagg ser tgħaddi main tad-drenagg minn ġol Belvedere. Staqsa jekk il-Kunsill jafx b'dan is-suġġeriment. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma rcieva l-ebda informazzjoni fuq dan.**

**e.** **Dan saqsa ukoll kemm il-proprjetarju tal-Grand Hotel ser idum sejjer bil-bini tal-lukanda għax dan ghandu d-dubju tieghu li r-rampa mhix ser tiġi mibnija kif kienet. Is-Sindku rrisponda li x-xoghol ghadu ma wasalx f'dan l-istadju, Hu kompla jghid li kif jasal sal livell tal-Belvedere l-propjetarju tal-lukanda ghandu fir-responsabilita tieghu li jibda jahdem fuq il-belvedere biex igibu fl-istat originali li kien inkluz ir-rampa.**

**f.** **Dwar il-locality sign, li kienet ippostjata fi triq Mgarr quddiem triq il-Merkanti fejn saritila ħsara bil-maltemp, il-preżenti qablu li jiġi avviċinat is-Sur Mario Grech, ħaddiem fl-aluminium, biex jaħdem fuqha u jerġa jwaħħalha f'postha.**

**g.** **Is-Sur Camilleri saqsa dwar il-process ta' l-Għajn tal-Ħasselin u l-Arkata ta' fuq il-wied u li l-bozza li giet spostjata fi triq Hamri min fuq dar ghal fuq arblu ma kienetx l-istess lampa izda twahlet ohra floka b'vultagg ferm inqas milli kienet. Is-Sindku qal l-applikazzjonijet ta' l-Ghajn u l-Arkata għadhom qeghdin jiġu pproċessata mill-MEPA. Il-Kunsill ghandu jindaga mal-contract manager tad-dawl s-sur Renzo Curmi biex jaghti ordni lill-kuntrattur biex il-lampa ta' Triq Hamri issir bl-istess vultagg ta' kif kienet originali.**

**ħ.** **Is-Sur Camilleri saqsa fejn waslu l-offerti għal bini ta' Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju wieġbu li dawn kienu gew agudikati mil-perit tal-Kunsill fejn dan qal li l-orhos offerta kienet tal-Malla Bros. pero din kellha xi submittals neqsin u ghalhekk kienet dikjarata nulla. It-tieni l-orhos offerta kienet ta' Gatt Tarmac Ltd. Inħasset il-**

ħtieġa li jiġi avvicinat ukoll id-Direttur dwar il-Gvern Lokali biex jaghti parir fuq dan in-nuqqas ta' informazzjoni ta' l-orhos offerta. Id-Direttur kien ta' l-opinjoni li din l-offerta ghanda tigi abbandunata u issuggerilna wkoll li nikkuntatjaw lill-avukat tal-Kunsill biex jiehu parir minn ghandu wkoll. Ir-risposta ta' l-avukat kienet ukoll li l-Kunsill ghandu jabbanduna din l-orhos offerta ghax ma kienetx mimlija kompluta. Ftit ġranet oħra ser toħroġ l-ittra ta' aċċettazzjon lil kuntrattur li gie t-tieni l-orhos fl-offerta, li huwa Gatt Tarmac Limited. Is-Sur Camilleri issuġerixxa ukoll li nkellmu lill certu Aaron Zammit biex jagħmel pjanta u titwahhal fejn ser jinbena ċ-Centru Civiku għall-informazzjoni tal-pubbliku.

Hawn is-Sindku nforma lill sħabu dwar l-intopp li nqala' mad-diriġenti tal-Maltapost fil-post fejn ser jinbena c-Centru Civiku. Hu qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellu laghqa fil-Kunsill mas sur Joe Gafa, l-Ufficjal Ezekuttiv u s-Segretarja tieghu dwar il-progett li kien jinkludi wkoll il-posta. Is-sur Gafa qal li huma mhux kuntenti kif kienet ser issir il-posta peress li kienet ser titnaqqas parti zghira mill-area taghha. Hu qal li l-posta ghandhom fil-kuntratt li ma tista titnaqqas l-ebda area minnha. Hu qal li huma ghandhom fil-hsieb taghhom li jirrangaw il-posta ghax ser izidu servizzi ohra ma li hemm inkluz servizzi ta' Bank. L-entratura tal-posta ta' kif kienet ser tigi ma kinetx taqbel mal-pjanijiet li ghandom il-posta. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kitibx qabel inhareg il-permess lill-Posta ghax haseb li din kienet ghada taghmel parti mill-iskola peress li l-Kunsill inghata l-permess mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghad-devulozzjoni ta' l-art. Is-Sindku qal li l-progett ser ikompli xorta wahda hlief li ghalissa il-posta ma jsirx xoghol fuqha.

i. Is-Sur Peter Caruana issuġerixxa li l-Kunsill ifakkar lill Rev. Mons. Klement Buttigieg. Dan kien sacerdot minn Ghajnsielem li kien laħaq Primat tal-Papa kif ukoll Rettur tas-Siminarju fir-Rabat Ghawdex. Il-Kunsill qabel li jaghmel plakka ta' tifkira possibilment fil-post fejn kien jabita.

j. Is-Sindku qal li peress il-parking area hi mudlama hafna hu qed jissuggerixxi li jintramaw Xmas trees armati bid-dwal. Dawn il-Xmas trees huma 6 metri twal b' 720 lampa. Dawn jiswew 115 Euro il wahda. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw biex ikomplu jtejbu l-ispirtu tal-Milied u fl-istess jiddawwal il-parking area u l-area ta' madwar il-knisja.

Il-laqgha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2009 fil-5 ta' fil-għaxija.

l-laqgha ntemmet fid-9 pm

Francis Cauchi  
Sindku

Anton Zammit  
a/Segretarju Eżekuttiv.